MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tal-11 ta' Ottubru, 2012

Appell Kriminali Numru. 385/2009

**Il-Pulizija**
**(Spt. Edmond Cuschieri)**
**Vs**
**Edward Cassar**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellat [detentur tal-karta tal-identita` numru 213353M] quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli nhar id-19 ta' Gunju, 2009 go fond "Pezul Lodge" il-Wardija l/o San Pawl il-Bahar, bla hsieb li jisraq jew jaghmel hsara kontra l-ligi izda biss biex jezercita jedd li jippretendi li ghandu, gieghel bl-awtorita' tieghu nnifsu lil martu Mary taghtik bil-forza arlogg tad-djamanti li jiswa LM 5,000 (liri Maltin).

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-14 t'Ottubru, 2009, li biha, peress illi mill-provi ma rrizultax li l-fatti tal-kaz jinkwadraw

ruhhom fir-reat ta’ ragion fattasi kontemplat fl-artikolu 85 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, ddikjarat lill-appellat mhux hati tal-akkuza migjuba fil-konfronti tieghu w konsegwentement illiberatu mill-istess akkuza.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali minnu pprezentat fit-30 t’Ottubru, 2009, li bih talab li din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza appellata w wara li tqis bir-reqqa l-provi f’dan il-kaz issib lill-appellat hati ta’ l-akkuzi kif dedotti kontra tieghu u tinfliggi l-piena skond il-ligi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant jikkonsistu fis-segwenti w cioe':-

1. Illi l-Ewwel Qorti fis-sentenza liberatorja taghha hawn fuq riferita, inter alia ghamlet eneucazzjoni zbaljata jew inkompleta ta’ l-ipotesi tal-ligi li fil-fatt wasslet ghall-helsien tal-appellant mill-proceduri odjerni;

2. Illi mill-mod u manjiera ta’ kif dan l-arlogg kien qed jigi pretiz da parti tal-appellat kif ukoll mill-informazzjoni li hu stess ta lill-Pulizija meta gie mitkellem, jidher illi hu ppretenda li kellu dritt ghal dak l-arlogg bhala kontribuzzjoni ta’ l-affarijiet prezzjuzi li martu kienet hadet mir-residenza taghhom. Dan allura jidher illi jinkwadra fit-tieni element ta’ dan ir-reat;

3. Illi dan ifisser illi min qed jikkommetti r-reat irid ikollu x-xjenza li qed jiehu b’idejh dak li suppost jiehu tramite process legali. Nafu kemm minn kliem il-kwerelanta kif ukoll minn dak li stqarr l-appellat illi l-partijiet ghaddejjin minn proceduri ta’ separazzjoni u meta wiehed iqis il-motivazzjoni tal-appellat li jiehu l-arlogg in kwistjoni, jidher ampjament car li semmai dan id-dritt seta’ gie ezercitat permezz ta’ proceduri civili waqt il-qsim tal-oggetti bejn il-konjugi fil-kors tas-separazzjoni legali. Kwindi ma kellux ghalfejn igib ruhu b’dan il-mod peress li kien hemm rimedju legali li seta jiehu jekk hass li kellu tali dritt. Madankollu hu minflok ha l-ligi f’idejh;

4. illi huwa bla dubbju wkoll il-fatt li l-appellat ma kellu l-ebda dritt effettiv li jiehu dan l-arlogg minn martu konsiderando li din kienet donazzjoni li ma jidhirx li saret in kontemplazzjoni taz-zwieg izda waqt iz-zwieg, izda peress li din tinkwadra f'materja ta' natura civili tajjeb li dan il-punt jigi ttrattat mill-Qorti kompetenti. Dan il-fattur pero' hareg car mill-provi li ngabu u fil-fatt waslet ghall-pretenzjoni kontra l-ligi u bi ksur tal-artikolu 85 tal-Kodici Kriminali kif kommess indubjament mill-appellat.

Rat is-sentenza preliminari taghha tal-15 t'Ottubru ta' l-2010 fejn idderimit eccezzjoni preliminari mqajjma mid-difiza, illi l-Avukat Generali ma setax jintavola dan l-appell. Semghet ix-xhieda bil-gurament. Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza. Semghet it-trattazzjoni ta' l-Avukat Generali kif ukoll ta' l-avukat difenzur.

Ikkunsidrat:

Irrizulta mill-provi illi fid-9 ta' Gunju ta' l-2009 Mary Cassar, mart l-appellat marret fid-dar matrimonjali taghhom il-Wardija sabiex tiehu hwejjigha. Dan wara kwistjonijiet bejniethom illi kienu ilhom ghaddejin erba' snin. Mary Cassar xhedet illi meta waslet id-dar sabet katnazz fuq in-naha ta' gewwa tal-grada u ma setghetx tidhol. Giet is-seftura u fethitilha l-katnazz. Meta dahlet sabet ir-ragel taghha wara l-antiporta, li beda joffendiha u jkellimha hazin. B'xi mod, wara hafna argumenti halliha tidhol gewwa u waqt li Mary Cassar kienet qed tigbor xi hwejjeg, l-appellant induna li kienet libsa arlogg illi kien taha rigal, liema arlogg kien jiswa' Lm5,000 meta nxtara fl-2005. Skond id-dokument irrilaxxat mill-agent, fol 7, illum dan l-arlogg jiswa' €17,000.

Fil-pront l-appellant iprova johdilha dan l-arlogg minn idejha ghax skond hu ppretenda illi kellu jiehdu bhala kontribuzzjoni ta' l-affarijiet prezzjuzi illi Mary Cassar kienet hadet mir-residenza. Wara hafna sarar u bl-uzu tal-forza, l-appellat irnexxielu jiehu dan l-arlogg minn martu. Konsegwenza ta' dan l-incident, kellha tmur il-policlinic sabiex tiddewwa. Mary Cassar qalet illi meta l-appellant sakkarha barra mid-dar l-arlogg kien fuqha u

baqa' fuqha sakemm hadu bil-forza dak in-nhar fid-9 ta' Gunju ta' l-2009. L-arlogg illum m'ghadhux fil-pussess ta' l-appellat.

Ikkunsidrat:

L-aggravju ta' l-Avukat Generali jikkonsisti filli l-Qorti tal-Magistrati fis-sentenza liberatorja taghha ghamlet enuncjazzjoni zballjata jew inkompleta ta' l-ipotesi tal-Ligi, li fil-fatt waslet ghal-helsien ta' l-imputat mill-proceduri odjerni.

Issa, hu principju ormai stabbilit fil-Gurisprudenza ta' din il-Qorti kemm fil-kaz ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati, kif ukoll fil-kaz ta' appelli minn verdetti jew sentenzi tal-Qorti Kriminali, li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghal konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghal konkluzzjoni illi waslet ghaliha.

Fi kliem iehor din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-deskrizzjoni fl-apprezzament tal-provi, ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit ta' l-istess biex tara jekk dik l-ewwel Qorti kinetx ragonevoli fil-konkluzzjoni taghha. Jekk izda din il-Qorti tasal ghal konkluzzjoni li l-ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiema ma setghetx ragonevolment tasal ghal konkluzzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida jekk mhux ghad-direttura impellanti sabiex din il-Qorti tisturba dik id-deskrizzjoni u konkluzzjoni. (Ara fost ohrajn 'Il-Pulizija vs Raymond Psaila et' 12 ta' Mejju, tan-1994).

Ghalhekk din il-Qorti ghamlet apprezzament approfondit tal-provi fil-process biex tara jekk l-ewwel Qorti setghetx legalment u ragonevolment tasal ghal konkluzzjoni illi waslet ghaliha. Fortunatament ma kienx hemm hafna provi x'jigu kkunsidrati f'din il-kawza hlief ix-xhieda tal-Parte Civile Mary Cassar kif ukoll ix-xhieda bl-Affidavit tal-Pulizija li rcievew ir-rapport minn ghandha. Pero l-Avukat Generali qieghed jikkontendi illi dawn il-provi huma

bizzejjed biex jinkwadraw fi shih fl-elementi kostitwivi tar-reat ta' ragion fattasi.

Ikkunsidrat:

Illi l-elementi tar-reat in dezamina gew magisterjalment migbura fid-definizzjoni analitika moghtija mill-Imhallef William Harding fis-sentenza ta' din il-Qorti, fil-kawza fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs Giuseppe Bonavia et' (Appell Kriminali 14 t'Ottubru 1994 Volume XXXII, part 4, page 768) u dawn jinkludu:

a) Att estern li jimpedixxi persuna ohra minn dritt li hija tgawdi u li jkun sar bid-dissens esplicitu jew implictu ta' dik il-persuna.
b) L-imputat irid jemmen illi qed jagixxi bid-dritt.
c) Ix-xjenza ta' l-imputat li qed jiehu b'idejh dak li suppost jiehu tramite process legali.
d) L-att ma jinkwadrax ruhu f'reat aktar gravi.

Minn dawn jirrizulta illi l-element importanti kostitwiv ta' dan ir-reat hu dak intenzjonali fis-sens illi l-agir ta' dak li jkun irid ikun maghmul bil-hsieb illi hu qed jesercita d-dritt illi hu jahseb li ghandu ghad-distinzjoni mir-reati ta' serq jew danni volontari fuq propjeta ta' haddiehor. Ghalhekk hemm bzonn li ssir indagni fuq il-movent li jkun wasal lil persuna li kkomettiet dan ir-reat biex taghmel dak li ghamlet. L-element materjali invece jikkonsisti f'li wiehed jippriva persuna ohra minn xi dritt fuq haga li ghandu t-tgawdija taghha. Ir-reat ma jissustix meta l-att materjali jikkonsisti fir-ritenzjoni ta' pussess li dak li jkun ga jkollu. Hemm bzonn li jkun hemm att pozittiv illi jippriva lil terz jew ifixxklu fil-pussess tal-haga.
Issa fil-kaz in ezami, skond ix-xhieda ta' l-istess Parte Civili Mary Cassar, l-appellant hadilha l-arlogg ghax ippretenda li kellu jiehdu bhala kumpess ta' l-oggetti prezzjuzi li l-istess Parte Civili Mary Cassar kienet hadet mid-dar matrimonjali. Dan ma giex kontestat, ghalhekk dan jinkwadra bis-shih fit-tieni element ta' dan ir-reat fejn l-appellat jemmen illi ha dak l-oggett bi dritt, li jipretendi li

ghandu. Liema dritt pero jaf sew illi kellu jitolbu mill-Qorti kompetendi u mhux jaqbad u jiehdu b'idejh.

Ikkunsidrat :

Il-partijiet ilhom bil-kwistjonijiet bejniethom ghal erba' snin u din hija biss wahda minn sensiela ta' kawzi illi hemm bejniethom. L-appellat jaf sew x'inhuma d-drittijiet tieghu u sa fejn dawn jaslu. Pero dehrlu illi kellu jagixxi dak il-hin u jezercita minn rajh dak id-dritt illi ghandu jkun moghti lilu permezz ta' l-intervent tal-Qorti. Dan l-att ta' l-appellat ma jikwadrax ruhu f'reat aktar gravi. Ma hawnx kwistjonijiet ta' serq jew ricettazzjoni jew reati ta' offizi, ghad li ntuzat il-forza, li din il-Qorti tikkundanna bl-aktar mod sever, tant illi l-Parte Civili spiccat biex tiddewwa l-poliklinku. Jidher pero illi dawn kienu xi feriti hfief peress illi lanqas gie prodott xi certifikat dwarhom.

L-element principali li l-Qorti trid tikkonsidra huwa dak tal-pussess u cioe l-att estern li jimpedixxi persuna ohra minn dritt li hija tgawdi. Ma hemmx dubju li l-arlogg kien fil-pussess tal-Parte Civili u kien ilu fil-pussess taghha mill-inqas mill-2005. Dan l-arlogg gie moghti lilha b'rigal mill-appellat matul iz-zwieg.

Ghalhekk kif tajjeb qal l-Avukat Generali fir-rikors tieghu, jekk l-appellat dehrlu illi kellu xi drittijiet fuq dan l-arlogg allura dan jinkwadra f'materja ta' kamp civili li ghandu jigi trattat mil-Qorti kompetenti izda mhux bil-mod kif agixxa l-appellant illi qabad u ha l-Ligi f'idejh. Il-punt hu illi l-arlogg kien fil-pussess materjali tal-Parte Civili u kellha tintuza' l-forza sabiex dan l-arlogg jittiehed mill-pussess taghha. Il-fatt li saret din il-forza, juri bic-car illi l-Parte Civili ma tat l-ebda kunsens la esplicitu u lanqas implicitu sabiex l-arlogg jittiehed mill-pussess taghha. Ghalhekk il-Qorti jidrilha illi l-elementi kostitwiti tar-reat ta' ragion fattasi jissussistu kollha f'dan il-kaz u l-ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha jmissha sabet htija.

Ghal dan il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi li tilqa' l-appell, thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u wara li rat l-Artikolu 85 tal-Kap 9 u tqis li uzat forza fizika fuq il-

persuna sabiex jigi kommess dan ir-reat, tikkundanna lill-appellat Edward Cassar ghal multa ta’ €400.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------